MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 226/2008

**Jeffrey Mallia (I.D. Nru. 768355 (M)), Valerie Attard Bezzina (I.D. Nru. 109257 (M)), Wilhelmina Grech (I.D. Nru. 479646 (M)) u Joseph Mallia (I.D. Nru. 28445 (M)) f'isimhom proprju u fil-kaz ta' Valerie Attard Bezzina ukoll bhala mandatarja tal-assenti Marlene Leach u fil-kaz ta' Jospeh Mallia ukoll bhala mandatarju tal-assenti Marcello Biondi, Giovanni Biondi u Filippo Biondi**

**vs**

**Philip Mallia (I.D. Nru. 427839 (M))**

l-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat il-5 ta’ Marzu, 2008, li permezz tieghu wara li r-rikorrenti fuq indikati ppremettew sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-kontendenti huma membri tal-istess familja principalment ahwa;

2. Illi l-kontendenti huma l-eredi universali u pre-legatarji, skont il-kaz, ta’ missierhom Carmelo Mallia, bir-rikorrenti Biondi il-kunjatu u n-nannu rispettivament, u dan, a bazi ta’ testament *unica carta* tal-istess Carmelo Mallia datat l-24 ta’ Jannar, 1995, in atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone;

3. Illi di piu`, omm il-kontendenti, (kunjata u nanna tar-rikorrenti Biondi rispettivament), Maria Mallia, mart l-imsemmi Carmelo Mallia, mietet fil-25 ta’ Lulju, 2007;

4. Illi in forza ta’ l-ahhar testament tal-imsemmija Maria Mallia datat is-7 ta’ Lulju, 2007, in atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa`, din innominat lill-intimat Philip Mallia bhala l-eredi universali taghha – salv il-legittima spettanti lir-rikorrenti skont il-ligi;

5. Illi l-eredita` ta’ Carmelo Mallia ghadha ndiviza nonostante diversi tentattivi biex jintlahaq ftehim dwar kif ghandha tinqasam l-eredita`;

6. Illi r-rikorrenti ma jridux jibqghu in komunjoni mal-intimat u jridu wkoll li l-bqija tal-gid formanti l-eredita` de quo jigi diviz skont il-ligi;

7. Illi l-intimat qieghed jirrifjuta li jimmetti lir-rikorrenti fil-pussess tal-pre-legati mhollija lilhom fl-ahhar testament ta’ Carmelo Mallia;

8. Illi l-intimat gie formalment interpellat biex jaghmel dan fuq indikat u biex ihallas is-sehem rizervat spettanti lir-rikorrenti fuq il-gid ta’ Maria Mallia, izda baqa’ inadempjenti;

Talbu lill-intimat Philip Mallia, ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-qorti m'ghandhiex:

i. Tiddikjara li l-kontendenti huma l-unici eredi ta' Carmelo Mallia;

ii. Tillikwida l-assi konjugali u assi ohrajn ta' Carmelo u Maria konjugi Mallia;

iii. Tiddividi f'zewg porzjonijiet il-komunjoni tal-akkwisti u assi ohra kif likwidati;

iv. Tassenja l-beni hekk stabbiliti u likwidati lill-assi ta' Carmelo Mallia u tiddikjara l-assi partikolari de quo jikkonsistu fil-beni hekk assenjati u tassenja l-bqija tal-beni rimanenti lill-assi partikolari ta' Maria Mallia u jigi dikjarat li dawn jikkonsistu fil-beni hekk assenjati;

v. Tiddividi l-gid appartenenti l-wirt ta' Carmelo Mallia bejn il-kontendenti skont kwota li kull wiehed mill-partijiet jigi ddikjarat li ghandu dritt ghaliha;

vi. Tiddikjara li r-rikorrenti huma pre-legatarji ta' Carmelo Mallia skont il-kaz ta' dawk l-assi li jirrizultaw mill-ahhar testament *unica charta* ta' Carmelo Mallia tal-24 ta' Jannar, 1995, fuq gia` ndikat;

vii. Tordna lill-intimat Philip Mallia biex jimmetti formalment lir-rikorrenti fil-pussess ta' dawk il-prelegati li ghadhom ma gewx immessi fil-pussess taghhom u li gew lilhom imhollija fl-ahhar testament ta' Carmelo Mallia;

viii. Tinnomina nutar biex jircievi u jippubblika l-att opportun u kuratur ghall-eventwali kontumaci;

ix. Tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom il-jedd ghas-sehem riservat fuq il-gid tad-defunta Maria Mallia;

x. Tillikwida s-sehem rizervat pagabbli mill-intimat lil kull wiehed mir-rikorrenti u dan, okkorrendo bl-opra ta' perit nominandi;

xi. Tikkundanna lill-intimat Philip Mallia ihallas lir-rikorrenti s-sehem riservat hekk likwidat a favur kull wiehed u wahda mir-rikorrenti;

xii. Bl-ispejjez kif indikati fir-rikors promotur kontra l-intimat u bl-imghaxijiet skont il-ligi mid-data tal-ittra ufficcjali tat-22 ta’ Jannar, 2008;

Rat ir-risposta tal-intimat Philip Mallia datata s-17 t’April, 2008, li permezz taghha sintetikament irrisponda s-segwenti:

1. Illi r-rikorenti Biondi huma lkoll eredi tad-defunta Marie Louise Mallia biex jigi stabbilit l-interess guridiku taghhom;

2. Illi l-intimat jaqbel li l-assi ereditarji tal-genituri taghhom Carmelo u Maria konjugi Mallia kif minnhom stipulat fit-testmenti rispettivi taghhom kif rifless fil-mument tal-apertura tas-successjoni taghhom;

3. Illi ghalkemm saru diversi tentattivi u proposti, id-divizjoni u assenjazzjoni awspikati ma sarux, u dan, minhabba l-intransigenza tar-rikorrenti;

4. Illi l-procedura odjerna giet intavolata b’mod affrettat u konsegwentement, m’ghandux ibati spejjez;

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat it-23 t’April, 2008, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju biex tisma’ l-provi kollha tal-kawza;

Rat id-digriet ta’ l-istess qorti ndikata fil-paragrafu precedenti datat is-17 ta’ Gunju, 2008, li permezz tieghu fuq talba tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, hatret perit tekniku biex jivvaluta l-immobbli li jiffurmaw l-eredita` ta’ Mary Mallia;

Ezaminat ix-xhieda mismugha mill-assistent gudizzjarju fuq riferita u dik ipprezentata permezz ta’ affidavit ghax-xhud koncernat;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ezaminat in-noti t'osservazzjonijiet tal-partijiet rispettivament datati l-11 t'April, 2012, u t-22 ta' Mejju, tal-istess sena;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi l-kontendenti huma komplessivament ahwa wlied Carmelo u Maria (sive Mary u anke Marie Louise), konjugi Mallia, bir-rikorrenti Biondi neputijiet tal-istess;

2. Illi l-kontendenti huma komplessivament ilkoll eredi u legatarji ta' Carmelo Mallia li miet fil-11 ta' Frar, 1995 izda nonostante dan it-trapass ta' zmien minn din id-data tal-mewt, l-eredita` tirrizulta li ghadha ndiviza;

3. Illi Maria Mallia, omm u/jew nanna tal-kontendenti skont il-kaz, li mietet fil-25 ta' Lulju, 2007, innominat lill-intimat Philip Mallia eredi universali taghha – salv il-legittima spettanti lir-rikorrenti skont il-ligi;

4. Illi l-procedura odjerna giet intavolata ghaliex ir-rikorrenti ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni f'din il-proprjeta` ma' l-intimat u ghalhekk jinsistu li ssir id-debita divizjoni;

Ikkunsidrat:

Illi in sintesi, ir-rikorrenti jilmentaw mis-segwenti sitwazzjoni:

1. Illi nonostante t-testmenti fuq riferiti, l-intimat Philip Mallia jidher li ppatrocinja ruhu mill-assi mobbli w

immobbli kollha tat-testamentarji u mid-data tal-mewt taghhom, wiehed fl-1995 u l-ohra fl-2007 kif fuq gia` ndikat; dejjem irrifjuta li jimmettihom formalment fil-pussess tal-pre-legali u tas-sehem rizervat relattiv imhollijin lir-rikorrenti skont il-kaz; u jidher li baqa' jostina ruhu u jirrifjuta jaghmel dak minnu mitlub nonostante li kien debitament interpellat biex jaghmel dan skont il-ligi;

2. Illi nonostante dan ir-rifjut ta' kolloborazzjoni l-istess intimat Philip Mallia jiddikjara bil-gurament tieghu li:

" … jaqbel illi ghandha ssir il-qasma bejn il-partijiet kontendenti tal-assi tal-genituri taghhom, u dan kif stipulat u ordnat minnhom in forza tat-testmenti rispettivi taghhom …";

3. Illi nonostante din id-dikjarazzjoni solenni – sancita addirittura bil-gurament solenni tal-istess intimat Philip Mallia – dan jirrizulta li dejjem wera ntransigenza ezasperanti fir-rigward tul dawn is-snin kollha – (sbatax (17) –il sena ghar-rigward tal-eredita` tal-missier u hames (5) snin ghar-rigward tal-eredita` tal-omm), b'disprezz grossolan ghall-gurament minnu mehud biex jirrispondi ghall-procedura odjerna, liema disprezz jattira l-konsegwenzi konnessi ghall-ispergur;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mill-istess intimat rigwardanti l-ezistenza o meno tal-interess guridiku rikjest fil-konfront tar-rikorrenti Biondi, (Marcello u wliedu Giovanni u Filippo);

Illi mill-atti esposti jirrizulta li Marcello Biondi kien mizzewweg lil Maria Aloisia sive Marie Louise Biondi;

Illi skont id-dokumentazzjoni esebita jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-imsemmija Maria Aloisia sive Marie Louise Biondi kienet mizzewga lil Marcello Biondi;

2. Illi l-imsemmija Marie Louise Biondi ndikata fil-paragrafu precedenti kienet bint Carmel Mallia u Mary Mallia nee Galea Borg;

3. Illi l-konjugi Biondi fuq riferiti kellhom lil Giovanni u Filippo bhala wlied;

4. Illi l-imsemmija Marie Louise Biondi mietet f'Aquila, l-Italja fil-11/12 ta' Gunju, 2004, (ara fol 60-61);

5. Illi l-istess Marie Louise Biondi mietet intestata;

Illi sodisfatta bid-dokumentazzjoni esebita rigwardanti s-suespost, din il-qorti tirrespingi l-ewwel risposta ta' natura preliminari sollevata mill-intimat, bl-ispejjez kontra l-istess intimat Philip Mallia;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-eredita` rilaxxata minn Carmelo Mallia ghandu jinghad is-segwenti:

1. Illi l-ahhar testament tal-imsemmi Carmelo Mallia jirrizulta li hu dak in atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, datat l-24 ta' Jannar, 1995, (ara fol 6 et sequitur);

2. Illi ai termini tal-klawsola 5 tal-istess testament, maghmul anke flimkien ma' martu Mary, it-testatur idderiega s-segwenti:

i. Il-pre-legati hemm indikati, gew assenjati bil-mod segwenti:

a. Lil Joseph Mallia: nofs indiviz tal-garaxx numru 211, Triq Lampuka, Hal Tarxien, bil-mobbli u ghodda kollha li jinstabu go fih;

b. Lil Jeffrey Mallia: garaxx bla numru *f'Sea Crow Street*, Rahal Gdid;

c. Lil Marlene Leach u Marie Louise Biondi: id-dar bl-isem ta' "Mignonette", *Hope Street*, il-Mosta, bil-garaxx maghha anness u b'dak kollu li jinsab mill-ghatba l'gewwa fi kwoti ndaqs bejniethom – izda eskluza l-karozza;

d. Lil Wilhelmina Grech: il-flat numru 1, *Jeanfil Flats, Seacrow Street*, Rahal Gdid;

e. Lil Valerie Attard Bezzina: il-flat numru 2, *Jeanfil Flats, Seacrow Street*, Rahal Gdid;

f. Lill-imsemmija Wilhelmina Grech u Valerie Attard Bezzina: l-"*acquisition rent*" ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25.00,0), fis-sena;

g. Lil Jeffrey u Joseph Mallia: l-ghalqa maghrufa taz-Ziek, Hal Ghaxaq, fi kwoti ndaqs bejniethom;

h. Lil Wilhelmina Grech: ottav (1/8) indiviz tal-ghalqa f'Luqa Road, Rahal Gdid;

i. Lil Philip Mallia: disat elef Lira Maltin, (LM9,000.00);

j. Lil Joseph Mallia: garaxx numru 163, (jew kull numru iehor verjuri), *Church Avenue*, Rahal Gdid;

ii. Illi wliedhom, senjatament: Wilhelmina Grech, Valerie Attard Bezzina, Philip, Joseph, Jeffrey, Marlene Leach u Marie Louise Biondi, gew minnhom mahtura eredi universali;

3. Illi fir-rigward jirrizulta li ghalkemm inqasam xi gid mis-suespost, jirrizulta li ghad baqa' s-somma ta' disat elef, disa' mija u tmien Ewro u tnejn u tmenin centezmu, (€9,908.82), depozitati fl-HSBC appartenenti lil Carmelo Mallia fuq gia` ndikat;

Ghaldaqstant, tenut kont tas-suespost, din il-qorti tirrespingi r-risposti relattivi tal-intimat Philip Mallia, u filwaqt li takkolji t-talbiet relattivi tal-intimati fuq indikati tordna li l-prelegati fuq indikati, inkluz l-ammont li ghadu depozitat l-HSBC f'isem "*heirs of C. Mallia*" jigu trasferiti lill-istess prelegatarji skont il-kaz, bid-depozitu de quo jkun diviz b'mod ugwali bejn il-kontendenti, bir-rikorrenti Biondi jippercepixxu biss is-sehem dovut lill-imsemmija Marie Louise Biondi nee` Mallia;

Illi di piu`, tordna lill-intimat Philip Mallia biex jimmetti fil-pussess lir-rikorrenti fil-prelegati fuq indikati kemm –il darba dawn m'humiex gia` fil-pussess tal-proprjeta` lilhom spettanti partikolarment:

i. Lil Marlene Leach: fi kwota ta' kwart (1/4) tal-fond "Mignonette", *Hope Street*, il-Mosta;

ii. Lil Gianni u Filippo Biondi: flimkien fi kwota ta' kwart (1/4) tal-fond indikat fil-paragrafu precedenti;

iii. Lil Valerie Attard Bezzina: fl-appartament numru 2, *Jeanfil Flats*, Triq il-Gurbell, Rahal Gdid, u dan fi kwota ta' nofs indiviz tal-appartament intier;

iv. Lil Joseph Mallia: fi kwota ta' nofs indiviz tal-garaxx numru 163 E, *Church Avenue*, Rahal Gdid;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-eredita` rilaxxata minn Mary Mallia ghandu jinghad is-segwenti:

1. Illi qabel ma mietet fil-25 ta' Lulju, 2007, senjatament fis-7 ta' Lulju, tal-istess sena, l-imsemmija Mary Mallia, mart Carmelo, ghazlet li tbiddel it-testment *unica charta* li kienet precedentement ippostulat ma' zewgha;

2. Illi permezz tal-istess ghazlet li tiddetermina s-segwenti:

i. Illi thassar u tirrevoka kull testament iehor li setghet kienet precedentement ghamlet;

ii. Illi halliet l-uzu u l-uzufrutt ghall-hajtu kollha u b'titolu ta' prelegat id-dar residenzjali "*Mignonette", Hope Street*, il-Mosta, flimkien mal-flat li ghandha f'Bugibba lil Philip Mallia;

iii. Stipulat li l-eredi universali taghha jkun Philip Mallia – salv il-legittima spettanti lill-uliedha;

iv. Innominat lill-istess Philip Mallia bhala esekutur testamentarju;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-istess testatrici stipulat li bl-eccezzjoni tal-intimat, uliedha l-ohra huma ghaliha " … hatja ta' theddid u ngurji fil-konfront taghha u ta' binha Philip", ghandu jinghad li ma jezisti l-ebda accenn ta' xhieda fir-rigward;

Illi di piu`, li jirizulta hu li meta l-imsemmija Mary Mallia biddlet it-testment taghha ftit granet qabel ma mietet tirrizulta li kienet f'eta` tassew avvanzata u kienet tghix f'atmosfera fejn kienet ampjament sottomessa ghall-influenza zejda u manipolattiva tal-intimat;

Illi effettivament jirrizulta assodat minflok li kien l-istess intimat li kien jimpedixxi lir-rikorrenti, jew min minnhom, milli jkollhom access ghal ommhom billi kien jimpedihom milli jkellmuha jew jarawha;

Illi ghalhekk jirrizulta assodat li l-istess intimat mhux biss iddomina lill-ommu Mary fl-eta` fragli li kellha, izda mmolestaha serjament fl-affetti taghha meta hi kienet l-aktar fragli u mpossibilitata li tirreagixxi;

Illi di piu`, tant jirrizulta li l-intimat ghogbitu s-sitwazzjoni manipulattiva li pogga lilu nnifsu fiha, li tul dawn is-snin kollha fuq gia` riferiti, dejjem ipprokrastina u naqas li jimmetti fil-pussess lil hutu fil-prelegati lilhom imhollija;

Illi tali attitudini mhux biss tattira d-disprezz ta’ din il-qorti, izda ghandha tattira d-disprezz tas-socjeta` civili li tant ghandha ghal qalbha l-anzjanita` - eta` tant delikata li timmerita l-protezzjoni assoluta tal-istituzzjonijiet civili kollha;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tar-relazzjoni peritali fuq riferita li ghalkemm ir-rikorrenti esprimew l-intenzjoni li jeffettwaw ri-ezami taghha, dawn finalment iddesistew;

Illi minn ezami akkurat tal-istess relazzjoni din il-qorti ma ssib xejn x’ticcensura fir-rigward u qed takkolji l-konkluzjonijiet kollha li wasal ghalihom l-istess espert tekniku nominat;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti tirrespingi t-talbiet l-ohra kollha tal-intimat Philip Mallia, u filwaqt li takkolji t-talbiet l-ohra tar-rikorrenti, konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-assi tad-defunta Maria Mallia huma komplessivament ammontanti ghal erba’ mija u hamsa u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u sittin Ewro u hamsin centezmu, (€425,264.50);

2. Tiddikjara li nofs dan l-ammont ghandu jinqasam bejn is-seba’ wlied tal-imsemmija Mary Mallia;

3. Tiddikjara li wiehed minn sebgha (1/7) ta’ dan l-ammont, appartenenti ghal kull wiehed mill-ulied l-istess Mary Mallia, hu ekwivalenti ghal tletin elf, tlett mija u sitta u sebghin Ewro u tlett centezmi, (€30,376.03);

4. Tordna lill-imsemmi ntimat jghaddi dan l-ammont lil hutu Wilhelmina Grech, Valerie Attard Bezzina, Joseph Mallia, Jeffrey Mallia, Marlene Leach u lil Marcello Giovanni u Filippo Biondi flimkien, (senjatament sehem Marie Louise Biondi);

5. Illi ghal dan il-ghan u ghad-determinazzjoni tal-prelegati rilaxxati minn Carmelo Mallia fuq gia` ndikati tinnomina lin-Nutar Dottor Jean Carl Debono biex jikkonkludi l-istess fi zmien tlett (3) xhur mil-lum;

6. Illi fl-eventwali kontumacja tal-intimat Philip Mallia tinnomina kuraturi deputati skont it-turn biex jirrapprezentaw l-assi ereditarji de quo;

7. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mit-22 ta’ Jannar, 2008, kontra l-intimat Philip Mallia.

_______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------